IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.5.2017
SWD(2017) 217 final

Pakkett ta' Konformità

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista’ titlob lil impriżi u lil assoċjazzjonijiet ta’ impriżi jipprovdu l-informazzjoni relatata mas-suq intern u ma’ oqsma relatati

{COM(2017) 257 final}
{SWD(2017) 215 final}
{SWD(2017) 216 final}

MT MT

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għall-introduzzjoni ta' Għodda ta' Informazzjoni dwar is-Suq Uniku

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Iċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-UE huma frustrati li l-ostakli għas-suq uniku mhux qed jiġu indirizzati malajr biżżejjed. Meta jgħarrfu lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri dwar xi problema fis-suq uniku, huma jridu jipprovdu evidenza biex juru li din hi kkawżata minn ksur tar-regoli tal-UE. Din l-informazzjoni tista' tkun diffiċli biex tinkiseb, speċjalment f'każijiet transkonfinali. Dan għaliex spiss l-informazzjoni:

- tkun informazzjoni dettaljata, sensittiva u mhux pubblika fil-livell tad-ditti li ma tistax tinkiseb mingħand fornituri terzi tad-dejta
- tkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali fi ftit Stati Membri biss
- ma tkunx paragunabbli bejn l-Istati Membri.

Il-parteċipanti fis-suq li għandhom din l-informazzjoni kunfidenzjali bħalissa ma għandhomx inċentivi biex jaqsmuha u ma hemm ebda sistema fis-seħħ biex tiżgura l-veraċità tad-dejta maqsuma. Bħalissa, l-għodod tal-UE u nazzjonali għall-ġbir ta' informazzjoni mhumiex biżżejjed biex tinkiseb din l-informazzjoni mingħand id-ditti, iċ-ċittadini, jew l-awtoritajiet nazzjonali.

X'mistenni jinkiseb b'din l-inizjattiva?

- Titjib fil-funzjonament tas-suq uniku permezz ta' infurzar iktar effettiv tar-regoli.
- L-iffaċilitar tal-aċċess mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għad-dejta fil-livell tad-ditti, jekk ikun hemm bżonn għall-identifikazzjoni u għall-korrezzjoni ta' applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE jew ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tas-suq uniku.
- Għajnuna lill-Istati Membri biex jinfurzaw aħjar ir-regoli tas-suq uniku fil-livell nazzjonali.
- Jekk Stat Membru ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu relatati mas-suq uniku, il-Kummissjoni tista' tuża din l-informazzjoni biex issostni l-politika ta' ksur tagħha kontrih.

X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-Kummissjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tindirizza l-kwistjoni ta' ġbir u ta' kkoordinar tal-informazzjoni mmirata fil-livell tad-ditti fil-qasam tas-suq uniku, minħabba n-natura transkonfinali tad-dejta meħtieġa.

Azzjoni mill-UE tevita sforzi ta' koordinazzjoni kumplessi u twal bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, speċjalment f'każijiet li fihom tkun meħtieġa informazzjoni mingħand parteċipanti fis-suq li joperaw f'iktar minn Stat Membru wieħed. Azzjoni mill-UE tgħin kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni biex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa u jnaqqsu l-piż amministrattiv għad-ditti u għall-awtoritajiet pubbliċi involuti.

B. Soluzzjonijiet

Liema huma l-alternattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li ġew ikkunsidrati? Teżisti xi għażla ppreferuta, jew le? Għaliex?

Għażla mhux leġiżlattiva tista' tinvolvi l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' gwida dwar il-ġbir ta' informazzjoni fil-livell tad-ditti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għadhom qed jiġu kkunsidrati għażliet leġiżlattivi oħra:

- L-Għażla 2 tneħħi r-regoli nazzjonali li jipprevjenu lill-awtoritajiet nazzjonali milli jaqsmu mal-Kummissjoni u ma' Stati Membri oħra informazzjoni fil-livell tad-ditti li diġà jkollhom fil-pussess tagħhom jew li jistgħu jaċċessaw skont id-dritt tal-UE/nazzjonali eżistenti.
- L-Għażla 3 tintroduċi setgħat investigattivi permezz ta' għodod ta' informazzjoni dwar is-suq uniku fil-livell nazzjonali.
- L-Għażla 4 tintroduċi Għodda ta' Informazzjoni dwar is-Suq Uniku (SMIT) fil-livell tal-UE, li għandha tintuża fuq bażi ta' każ b'każ. Din tkun limitata għal każijiet li fihom ikun hemm suspett li hemm ostakli li qed jipprevjenu lis-suq uniku milli jaħdem, u meta l-informazzjoni mitluba tkun meħtieġa għal teħid ta' deċiżjonijiet veloċi u effettiv u ma tkunx disponibbli malajr biżżejjed b'mezzi oħra. L-informazzjoni tintalab biss mingħand parteċipanti fis-suq li jistgħu jipprovduha faċilment.
- L-Għażla 5 hi għażla ibrida li tgħaqqad l-għażliet 2 u 4.

L-għażliet abbandunati jinkludu l-espansjoni tal-kopertura tal-istatistiki Ewropej u l-introduzzjoni ta' obbligi ta' rapportar regolari skont id-Direttiva dwar il-Kontabilità. L-SMIT (l-Għażla 4) hi l-għażla ppreferuta. Hi ġġib l-ogħla marka f'termini tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u hi l-iktar għażla effettiva u kosteffiċjenti. Hi se tgħin lill-

Istati Membri individwali jegħlbu l-problemi relatati mal-koordinazzjoni u mal-ġurisdizzjoni legali f'każijiet transkonfinali.

Liema għażla u min jappoġġjaha?

Il-konsultazzjoni pubblika wriet li ħafna mid-ditti jippreferu jaqsmu l-informazzjoni minn jeddhom, u b'hekk jippreferu għażla mhux leġiżlattiva. Jekk tiġi implimentata l-SMIT, huma jgħidu li jenħtieġ li din tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tad-dejta u tintuża biss bħala l-aħħar soluzzjoni. Jenħtieġ li tintalab biss informazzjoni disponibbli minnufih. Mill-10 Stati Membri li wieġbu, erbgħa jappoġġaw l-SMIT, u tnejn le. L-awtoritajiet minn żewġ Stati Membri jippreferu li kieku l-Kummissjoni tikkoordina t-talbiet għal informazzjoni, filwaqt li tnejn jippreferu li kieku jingħataw is-setgħa li jitolbu informazzjoni mingħand ditti fi kwalunkwe Stat Membru direttament, mingħajr ma tkun involuta l-Kummissjoni. L-organizzazzjonijiet kollha tal-konsumatur jappoġġaw l-użu tal-SMIT jekk l-informazzjoni tkun essenzjali biex jissolva ksur tad-drittijiet tal-konsumatur jew tan-negozji. Nofs l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur jappoġġaw l-użu tal-SMIT għat-tħejjija ta' regoli ġodda tal-UE.

C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażliet ippreferuti (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Il-kalkolu tal-kostijiet-benefiċċji għall-SMIT (l-Għażla 4) hu bbażat fuq is-suppożizzjoni li se tintuża darba fis-sena għal erba' talbiet żgħar, li jinvolvu sa massimu ta' ħames ditti, u talba waħda ikbar, li tinvolvi sa 50 ditta. Permezz ta' informazzjoni robusta dwar nuqqasijiet fis-suq uniku il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiżguraw konformità ikbar mal-liġi tas-suq uniku u jkun hemm tfassil aħjar tal-politiki tal-UE. Dan isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq uniku u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-potenzjal tiegħu. Jenħtieġ li l-aċċess aħjar għall-informazzjoni jirriżulta f'infurzar immirat aħjar tas-suq uniku fil-livell nazzjonali, biex b'hekk jiġi limitat in-numru ta' każijiet formali ta' ksur kontra l-Istati Membri. F'żewġ każijiet riċenti ġew irkuprati sa EUR 50 miljun f'taxxi mhux imħallsa meta l-awtoritajiet investigattivi fl-isfera tal-għajnuna mill-Istat taw aċċess lill-Kummissjoni għal informazzjoni importanti fil-livell tad-ditti. Fil-qasam tas-suq uniku, hemm potenzjal li jiġu ffrankati iktar minn EUR 3 biljun fuq każ individwali ta' akkwist infrastrutturali. Jista' jkun hemm benefiċċji soċjali/ambjentali indiretti jekk tintuża l-SMIT għall-indirizzar ta' każijiet ta' nuqqas fis-suq uniku f'dawk l-oqsma.

X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

It-tweġib għal talba tal-SMIT jinvolvi kost għad-ditti li jirċivuha. Għal ditti kbar, il-kostijiet ivarjaw minn EUR 1 200 sa EUR 4 400. Għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs), dawn ivarjaw minn EUR 300 sa EUR 1 000. Jekk id-ditti jfittxu pariri legali biex jikkonformaw mat-talba għal informazzjoni, dawn iġarrbu kost addizzjonali li jvarja minn EUR 1 000 sa EUR 4 000. Il-kost annwali totali tat-tħejjija ta' tweġibiet u ta' pariri legali għall-ħames talbiet annwali stmati jvarja minn EUR 370 000 sa EUR 610 000. Id-ditti jistgħu jippreżentaw ukoll tweġiba mhux kunfidenzjali li tinqasam mal-Istati Membri. Din tista' ttaffi t-tħassib marbut mal-kunfidenzjalità b'kost addizzjonali żgħir. Stima konservattiva tal-kost totali tal-SMIT, inkluż il-kost għall-Kummissjoni, tvarja minn EUR 0.49 miljun sa EUR 1.04 miljun. Ma hemm ebda kost soċjali jew ambjentali dirett.

Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-SMIT hi mmirata primarjament lejn ditti kbar b'sehem mis-suq għoli u tixħet il-piż amministrattiv ewlieni fuqhom. Il-mikrointrapriżi se jkunu eżentati. L-SMEs jistgħu jintalbu jieħdu sehem kultant. Il-kost stmat tat-tweġib għal SME individwali jvarja minn EUR 300 sa EUR 1 000 għal kull talba b'kost addizzjonali potenzjali għall-pariri legali ta' EUR 1 000 (madwar 25 % tal-kost tat-tweġib għal ditta kbira). Id-ditti ta' kull daqs se jibbenefikaw minn suq uniku li jaħdem aħjar bis-saħħa ta' infurzar iktar immirat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Huma jibbenefikaw ukoll minn regoli tal-UE mfassla aħjar u minn ambjent regolatorju iktar effettiv. Barra minn hekk, evidenza aħjar tista' tipprevjeni t-tfassil ta' regoli żejda.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits nazzjonali u l-amministrazzjonijiet?

Ma hemm ebda kost għall-implimentazzjoni tal-SMIT għall-awtoritajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni ġġarrab spejjeż ta' ġbir u ta' analiżi tad-dejta li jvarjaw minn EUR 120 000 sa EUR 430 000 għall-ħames talbiet annwali stmati. Il-kostijiet tal-Kummissjoni mhux se jkunu jeħtieġu xi impenn baġitarju ġdid, iżda biss ir-riskjerament ta' persunal u ta' infrastruttura eżistenti. Il-Kummissjoni tista' tiffranka bejn EUR 0.7 miljun u EUR 1.6 miljun fuq rapporti esterni. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiffrankaw xi spejjeż hawn ukoll.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Id-ditti/il-konsumaturi jibbenefikaw minn suq uniku li jaħdem aħjar, permezz ta' inqas ostakli għad-dħul, kompetizzjoni ikbar, iktar kompetittività u espansjoni transkonfinali (u potenzjalment internazzjonali) iktar faċli/orħos. Din l-inizjattiva tirrispetta bis-sħiħ l-interess leġittimu tad-ditti li jipproteġu s-sigrieti kummerċjali tagħhom. Hi ma taffettwax id-drittijiet relatati mal-protezzjoni ta' dejta personali. Hi tirrispetta wkoll id-dritt għal amministrazzjoni tajba, id-dritt tad-difiża, il-prinċipju tal-proporzjonalità tas-sanzjonijiet, id-dritt għal soluzzjoni effettiva u d-dritt għal proċess ġust.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-politika se tiġi rieżaminata ħames snin wara l-adozzjoni tal-proposta.